MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 34/2010/1

**Anthony Mercieca**

**vs**

**Kunsill Lokali Zebbug Ghawdex u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2010 gie kjamat fil-kawza Direttur Progetti u Zvilupp'**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat li fit-3 ta' Ottubru 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet Anthony Mercieca vs Kunsill Lokali Zebbug Ghawdex:

*"It-Tribunal,*

*Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-5 ta' Awwissu 2010, li jaqra hekk :-*

*'Peress illi nhar id-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) meta l-attur kien ghaddej bil-vettura tieghu tal-marka DAI317 tal-marka Leyland mit-triq maghrufa l-Wied ta' Marsalforn limiti Zebbug, Ghawdex, li jaqa' fir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali Zebbug, Ghawdex, it-triq cediet bih bil-konsegwenza illi garrab diversi danni fuq il-vettura tieghu ;*

*Peress li dawn id-danni jammontaw ghal elf hames mija u tlieta u hamsin Euro u erba' u tmenin centezmi (€1,553.84) ;*

*Peress illi ghal dan l-incident jahti l-konvenut illi kien il-Kunsill Lokali responsabbli mill-manteniment ta' din it-triq u li jidher bic-car illi din it-triq kien ilu ma jsir manteniment fiha ghal zmien twil ;*

*Peress illi din it-triq fil-verita' kienet perikolanti u l-Kunsill Lokali konvenut ma ha l-ebda prekawzjoni dwar dan, lanqas ghamel xi sinjali illi bih javverti lill-pubbliku b'dan il-perikolu. Peress illi ghalhekk il-Kunsill Lokali konvenut huwa responsabbli ghall-hlas ta' dawn id-danni ;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex (i) ma' ghandux jigi misjub responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur fl-incident tad-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010), fit-triq maghrufa Il-Wied ta' Marsalforn fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex, fuq imsemmi, u (2) ma ghandux jigi kkundannat ihallas id-danni kollha sofferti mill-attur fl-ammont ta' elf hames mija u tlieta u hamsin ewro u erbgha u tmenin centezmi (€1,553.84). Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Gunju 2010, u bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni.' ;*

*Il-konvenut Kunsill Lokali Zebbug permezz tar-risposta tieghu prezentata fit-22 ta' Settembru 2011, eccepixxa :-*

*'1. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ;*

*2. Illi in linea preliminari l-Kunsill jeccepixxi n-nuqqas ta' kompetenza rationae materiae ta' dan it-Tribunal stante li skont l-Artikolu 1.2 (b) tar-Raba' Skeda tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, din it-talba kellha ssir permezz ta' Arbitragg ;*

*3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Kunsill mhux responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrent peress illi l-wied jew triq fl-ghelieqi fejn sehh l-incident huwa responsabilita' tal-Ministeru ta' Ghawdex u fil-fatt kien l-istess Ministeru li ghamel it-tiswijiet mehtiega wara li sehh l-incident in kwistjoni ;*

*4. Illi inoltre r-rikorrenti stess huwa responsabbli wkoll ghad-danni li sofra peress illi huwa kien qed juza bridge gewwa r-raba' ntiz ghall-uzu mill-bdiewa biex jghaddi bit-trakkijiet tal-kostruzzjoni u dan minkejja li skont l-ammissjoni tieghu stess huwa kien jaf li kien hemm il-perikolu, u ghalhekk naqas milli juza d-diligenza tieghu.' ;*

*B'digriet tal-25 ta' Novembru 2010, giet ordnata l-kjamata fil-kawza tad-Direttur tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex, fuq talba tal-attur ;*

*Illi permezz tar-risposta tieghu tal-20 ta' Dicembru 2010, id-Direttur tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex eccepixxa :-*

*'1. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfonati fil-fatt u fid-dritt ;*

*2. Illi kif johrog ukoll mix-xhieda f'din il-kawza ir-rikorrent huwa unikament responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza stante li hu mhux bidwi u ma kellux is-setgha li jghaddi mill-pont de quo, u peress li hemm hekk ma kienx l-unika access u setgha facilment jghaddi minn triqat ohra li jipprovdu access ghall-istess post li r-rikorrent kellu ntenzjoni li jmur ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-triq in kwistjoni mhix triq arterjali; allura r-responsabbilita' taghha taqa' esklussivament f'idejn il-Kunsill Lokali taz-Zebbug ;*

*4. Illi inoltre l-esponenti mhuwiex responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrent stante illi ai termini tal-Artikolu 33 (1) (a) il-Kunsilli Lokali huma responsabbli illi jzommu fi stat ta' manutenzjoni tajba kull triq fil-lokalita' taghhom, u ghalhekk stante li l-Kunsill Lokali taz-Zebbug naqas illi jaghmel dan fir-rigward ta' Triq Il-Wied ta' Marsalforn fiz-Zebbug, Ghawdex, huwa unikament responsabbli ghall-allegat incident.' ;*

*Fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill konvenut irtira l-eccezzjoni preliminari tieghu dwar l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal rationae materiae, u zamm ferm il-bqija tal-eccezzjonijiet tieghu fil-meritu fejn qed jichad ir-responsabbilita' tieghu ghall-akkadut ;*

*Sama' l-provi tal-partijiet ;*

*Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;*

*Sama' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet ;*

*Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;*

*Ikkunsidra :*

*Din il-kawza tirrigwarda danni pretizi mill-attur wara li t-trakk li kien qed isuq waqt li kien qed jaqsam minn fuq pont zghir li hemm fil-Wied ta' Marsalforn f'Marsalforn, l-art ta' dan il-pont cediet u sfrundat bil-piz tat-trakk li kien mghobbi b'materjal tal-kostruzzjoni u t-trakk garrab hsarat konsiderevoli li taghhom l-attur qed izomm responsabbli lill-Kunsill Lokali taz-Zebbug u lill-kjamat fil-kawza Direttur tal-Progetti u Zvilupp ;*

*L-attur qed jattribwixxi r-responsabbilita' ghal din il-hsara minhabba n-nuqqas ta' manutenzjoni tal-pont li skont hu, wassal biex sfrundat l-art ta' dan il-pont, liema manutenzjoni kienet ir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali taz-Zebbug li jaghmilha. Minn naha l-ohra l-Kunsill qed jattribwixxi r-responsabbilita' ghall-akkadut fuq l-attur innifsu li qasam dan il-pont diversi drabi bi trakkijiet kbar tal-kostruzzjoni ta' tunnellagg li jvarjaw fil-piz taghhom*

*bejn erbatax sa tmintax il-tunnellati mimlija bit-terrapien li kien qed igorr ghal gor-razzett ta' certu Vincent Sultana, liema pont ma kienx sar biex minn fuqu jghaddu vetturi ta' dan il-kobor u piz ;*

*Il-Perit arkittett Angelo Portelli xehed li meta acceda fuq il-post tal-incident flimkien mad-direttur tal-Progetti u Zvilupp, hu kien tal-fehma mill-konstatazzjonijiet li ghamel li meta nbena dan il-pont ma kienx intiz biex minn fuqu jghaddu vetturi ta' certu toqol, anzi' fi kliemu stess 'ma kienx f'sahhtu bizzejjed biex minn fuqu jghaddi t-traffiku'. M'hemmx kontestazzjoni li dan il-pont inbena ferm qabel ma twaqqfu l-Kunsilli Lokali, u minn dak li xehed ix-xhud Vincent Sultana kien inbena l-fuq minn erbghin sena ilu, u ghalhekk ma nbeniex mill-Kunsill Lokali, u l-hsieb li sar dan il-pont kien probabilment biex minn fuqu jghaddu l-bdiewa biex jaccedu ghar-raba' taghhom. Fil-fatt wahda mit-toroq li twassal sa dan il-pont hija maghluqa ghat-traffiku hlief ghal bdiewa ;*

*Irrizulta mill-atti li biex wiehed jaccedi ghar-razzett ta' Vincent Sultana, hemm diversi toroq, u mhux necessarjament li wiehed ghandu jghaddi bil-fors minn fuq dan il-pont. Minkejja li l-attur kien jaf li wahda mit-toroq li twassal ghal dan il-pont hija maghluqa ghat-traffiku hlief ghal bdiewa, huwa ghazel li jghaddi minn triq ohra li aktar il-gewwa tizbokka xorta wahda fl-istess triq li hija maghluqa ghat-traffiku hlief ghal bdiewa ;*

*L-attur stess iddikjara fl-avviz tat-talba li kien jidher bic-car li l-pont li sfronda kien ilu ma jsir manutenzjoni fuqu ghal zmien twil, u li kien perikoluz u l-Kunsill Lokali ma kien ha ebda prekawzjoni. Jekk ghall-attur kien car li l-pont kien perikoluz, kien imessu qghad ferm aktar attent minn fejn jghaddi u mhux ghadda minn fuq dan il-pont ghal darba xi tmien darbiet bit-trakkijiet kbar mimlija, jekk ukoll mhux imburgati, bil-materjal ghall-irdim tant li fl-ahhar l-art tal-pont cediet taht il-piz ta' wiehed minn dawn it-trakkijiet kbar mghobbi bit-turbazz. Meta l-attur ghazel li jghaddi minn triq ohra li tizbokka fl-istess triq li hija maghluqa ghat-traffiku, hu wera nuqqas ta' ghaqal, u ma kien qed jaghmel xejn hlief li kien qed jidhaq bih innifsu. Inghad li*

*meta wiehed imur ifittex il-perikolu ma jistax imbaghad iwahhal f'haddiehor jekk igarrab xi hsara. Dan huwa kaz fejn volenti non fit iniuria. [Prim'Awla,* ***Carmel Polidano et vs Korporazzjoni Enemlata et****, deciza fis-7 ta' Dicembru 2004]. Il-principju legali volenti non fit iniuria, isib applikazzjoni meta min isofri d-dannu jkun huwa stess li liberament u volontarjament b'konsapevolezza shiha tan-natura u l-entita` tal-periklu implicitament qabel li jesponi ruhu ghalih. Lanqas jista' jinghad f'dan il-kaz li l-konvenut jew il-kjamat fil-kawza naqsu li jassikuraw is-sigurta' ta' min jinqeda bil-pont, ghax ma tistax ragonevolment tistenna li l-konvenuti setghu jobsru illi xi hadd sejjer jinqeda bil-pont kif inqeda bih l-attur meta ghadda minn fuqu b'dik it-taghbija kollha ta' materjal ghal darba tmien darbiet. Wisq aktar kellu jintebah l-attur, li huwa bennej, li l-pont ma kienx intiz li jiflah trakkijiet ta' dak it-toqol mburgati bil-materjal ;*

*Fic-cirkostanzi, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li ma jkunx xieraq illi jitfa' l-htija fuq haddiehor meta dak li gara kien dovut ghal nuqqas ta' hsieb u ghaqal da parti tal-attur, u ghalhekk ma jistax jilqa' t-talba tal-attur ;*

*Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jichad it-talba ta' l-attur u jikkundannah ihallas l-ispejjez tal-kawza.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Mercieca datat 18 ta' Ottubru 2011 fejn talab lill-Onorabbli Qorti sabiex takkolji l-ewwel zewgt aggravji tieghu u tiddikjara nulla s-sentenza moghtija minn l-istess Tribunal ghal Talbiet Zghar, u fin-nuqqas ta' l-akkojiment ta' dawn iz-zewg aggravji thassar is-sentenza appellata fil-mertu, tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta tal-appellat il-Kunsill Lokali Zebbug, Ghawdex, datat 12 ta' Dicembru 2011 fejn issottomettew li ghar-ragunijiet imsemmija fir-risposta taghhom, ir-rikors tal-appell tal-appellant Mercieca ghandu jigi respint, bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat li l-appellat id-Direttur Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex gie notifikat fit-22 ta’ Novembru 2011 izda baqa’ ma dahhalx risposta.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghat-18 ta’ Jannar 2012 u fl-istess seduta Dr. Kevin Mompalao ghall-appellant Anthony Mercieca u Dr. Angele Formosa ghall-Kunsill Lokali Zebbug, Ghawdex ittrattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-21 ta’ Marzu 2012.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-ewwel aggravju huwa li (a) d-decizjoni hija nulla ghaliex l-okkju tal-kawza huwa zbaljat ghaliex ma hemmx inkluz fih l-kjamat fil-kawza d-Direttur Ghal Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex li kien sar b’digriet datat 25 ta’ Novembru 2010; (b) is-sentenza hija nulla ghaliex it-terminu moghti lill-Gudikant sedenti kien skada; (c) sar apprezzament hazin tal-provi ghaliex l-incident sehh mhux tort tal-attur ghaliex ma kien hemm ebda divjet ghall pubbliku sabiex tigi uzata l-istess triq u l-principju *“volenti non fit injuria”* ma japplikax ghall-kaz in ezami u fi kwalunkwe kaz l-attur ma setghax jinduna qabel l-incident li l-pont kien perikoluz.

Illi dwar l-ewwel aggravju ssir riferenza ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell moghtija fl-14 ta’ April, 1997, fil-kawza **“Louise Ann Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** fejn kien gie rrimarkat hekk:-

*“Dan huwa zball ta’ sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Hu proprju fil-konfront ta’ dawk il-partijiet hekk identifikati li d-decizjoni tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta’ l-istess partijiet fil-kuntest tal-litigazzjoni bejniethom. Id-decizjoni torbot lil dawk il-partijiet kif identifikati fl-okkju u jekk il-partijiet ma jkunux jirrizultaw li gew korrettement identifikati, allura l-awtorita’ tal-gudikat tisfuma fix-xejn. Ma*

*hemmx dubju li dan l-izball sar bi zvista u li huwa possibbli li jigi ratifikat.”*

Illi l-istess gie ritenut fis-sentenza **“Anthony Debrincat vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati”** (A.I.C. (PS) – 5 ta’ Lulju 2006) fejn inghad li la darba l-kjamat fil-kawza huwa parti fil-kawza l-inkluzzjoni tieghu fl-okkju tas-sentenza ghandu jigi kkunsidrat bhala essenzjali b’mod li l-ommissjoni tieghu ggib in-nullita’ tas-sentenza **(“Joseph Busuttil vs Avukat Dr. John Mamo nomine”** A.C. – 28 ta’ Frar 1997; **Kolez, Vol. XLVII.i.271)** u dan huwa sollevabbli wkoll *ex officio* **(“Anton Camilleri vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) – 21 ta’ Gunju 2011), u dan anke ghaliex din il-Qorti ma tistax tikkoregi l-istess zball ghaliex ma ghandhiex awtorita’ li tikkoreggi dawn it-tip ta’ zbalji u ohrajn simili f’decizjonijiet tat-tribunali u dan ghandu jsir mill-Qorti (f’dan il-kaz it-Tribunal) li jaghmel tali zball (**“Victor Zammit et vs Joseph Stivala”** (A.C. – 19 ta’ April 1999). Ghalhekk hemm rimedju wiehed disponibbli ghal din il-Qorti li huwa dak li tigi revokata s-sentenza appellata u b’hekk tqieghed lill-partijiet fl-istess qaghda li kienu qabel ma giet moghtija s-sentenza, u dan jaffetwa wkoll lill-kjamat in kawza, ghaliex ghalkemm ma appellax (proprju ghaliex l-anqas gie indikat fil-gudikat) la darba s-sentenza qed tigi annulata u revoka, it-thassir tagha jiswa lilu ghaliex l-interess tieghu hu dipendenti essenzjalment minn min dak tal-appellant u huwa fuq kollox kien parti fl-istess kawza u hekk jibqa’ sakemm tinqata’ bil-mod provdut fil-ligi anke’ allura fil-konfront tieghu.

Illi b’hekk l-ewwel aggravju qed jigi milqugh,  u d-decizjoni appellata qed tigi revokata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u l-atti rimandati lura lit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar sabiex il-kawza tigi deciza fid-dawl ta’ dak hawn ritenut u fid-dawl tat-talba attrici u l-eccezzjonijiet tal-intimat u tal-kjamat fil-kawza.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li din il-Qorti tichad r-risposta tal-

appell tal-Kunsill Lokali Zebbug Ghawdex appellat datata 12 ta' Dicembru 2011 biss in kwantu l-istess hija nkonsitenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-ewwel aggravju sollevat mill-appellanti Anthony Mercieca fir-rikors tal-appell tieghu datat 18 ta' Ottubru 2011 fis-sens li d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) fl-ismijiet "Anthony Mercieca vs Kunsill Lokali Zebbug Ghawdex" tat-3 ta' Ottubru 2011 hija nulla minhabba li l-okkju tal-istess decizjoni huwa skorrett** u b'hekk thassar u tirrevoka l-istess decizjoni u b'hekk tirrinvija u tirrimetti l-kaz lura lit-**Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex)** sabiex l-istess kaz jigi deciz mill-istess Bord mill-gdid skont il-ligi fid-dawl ta' din id-decizjoni.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------